MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 355/2014

**Domenic Gatt**
**ID 626054M**

**Vs**

**Coleiro Group of Cmpanies Ltd**
**C 20546**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2014 fejn l-attur talab illi qieghed jitlob minghand l-kumpanija konvenuta l-hlas ta' tlett elef, seba' mija u disa' u hamsin ewro (€3,759) rapprezentanti salarji u beneficcji ohra tal-impjieg skont il-ligi.

Bl-imghax u l-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta bl-ingunzzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Sussegwentament l-ammont gie ridott ghal tlett elef erba' mija tlieta u disghin ewro (€3,493) u l-isem propju tas-socjeta' konvenuta gie kkoregut ghal Coleiro Group of Companies Ltd.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fl-24 ta' Gunju, 2014 fejn eccepiet illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, dan it-Tribunal huwa inkompetenti ratione valoris illi jiddecidi din it-talba;

2. Fit-tieni lok, l-ebda persuna naturali ma tista' tigi mharka sabiex twiegek ghat-talba attrici; u dan stante illi l-initmata ghandha personalita' guridika distinta, ir-rapprezentant ta' liema ma tivvestix fil-manager taghha;

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe pendenzi reciproki bejn il-partijiet gew ezawriti permezz ta' ftehim maghmul bejniethom liema ftehim gie milhuq in full and final settlement;

4. Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa f'kull kaz mhux dovut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Xehed l-attur fejn spjega illi hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta. Wara li gie terminat l-impjieg tieghu huwa kien fadallu jithallas tal-leave u beneficji ohra minghand is-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta spjegat illi lil attur ma fadlilha tghatih xejn u dan peress illi l-attur kien tkecca minn mas-socjeta' konvenuta wara li nqabat jiehu prodotti mill-istores. Fuq din il-kwistjoni u tkeccija kien sar ftehim bejn il-partijiet fejn il-konvenut hallas ammont ta' flus u l-ftehim gie iffirmat illi s-socjeta' konvenuta ma fadlilhiex pendenzi kontrih.

Pero' it-Tribunal minkejja kull ma spjega l-attur ihoss illi l-intendiment tas-socjeta' konvenuta kien li jghalqu l-kwistjoni tal-prodotti biss izda li taghlaq kull

pendenza miz-zewg partijiet. Ma jaghmilx sens illi l-attur ihallas ghasar t'elef ewro (€10,000) lis-socjeta' konvenuta biex imbaghad jippretendi li fadallu kreditu ta' tlett elef erba' mija tnejn u disghin ewro (€3,492) minghand is-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi b'ekwita ma jistax jilqa' it-talba attrici wara li gie spjegat ic-cirkostanzi kollha kemm tat-tkeccija kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-iskrittura.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------